Ħelow tfal, kif intom?

Nisperaw li tinsabu tajbin. Aħna kuljum naħsbu fikom u x-xewqa tagħna hi li nerġgħu niltaqgħu magħkom malajr kemm jista' jkun!

Ser nibdew nagħtukom xi xogħol li intom ser taħdmu kuljum. Importanti li timxu mad-data biex ma jingħabrilkomx ħafna xogħol f'daqqa. B'hekk ser inkomplu naħdmu fuq dak li konna qed naħdmu l-iskola. Nhar ta' Erbgħa ser ikollkom taqraw u tagħmlu attivita' dwar il-ktieb jew l-istorja li tkunu qrajtu. Importanti li tagħmlu reviżjoni ta' dak kollu li għamilna qabel ukoll.

Fil-'website' tal-iskola ser issibu kopja tal-'handouts' li ser ikollkom bżonn. Dawn tistgħu tipprintjawhom u taħdmu fuqhom **jew** inkella tiktbu t-tweġibiet fuq pitazz.

Ħudu ħsieb li tisimgħu u tobdu minn min qed jieħu ħsiebkom u rringrazjawhom kuljum ta' kemm qed jagħmlu magħkom. Max-xogħol li ser issibu fil-website ser ikun hemm ukoll it-tweġibiet tal-'handouts'. B'hekk min qed jieħu ħsiebkom ikun jista' jiċċekkja li qed taħdmu sew.

Ibqgħu ġewwa ħalli dan il-'virus' jgħaddi malajr! Qed nimmissjawkom u nħobbukom ħafna! ❤

L-għalliema tat-tieni sena,
*Ms. M. Buttigieg Brooks, Ms. M. Vella Montebello,*
*Ms. D. Seisun Incorvaja, Ms. F. Debono u Ms. A. Sapiano*

flimkien mal-Learning Support Educators,
*Ms. Anneliza, Ms. Analise, Ms. Elaine, Ms. Louise, Ms. Claire,*
*Ms. Charmaine, Ms. Josephine, Ms. Sarah u Ms. Stephanie*